# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**George Falzon**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **George Falzon** ID 142085M u li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli fit-18 ta' Settembru 2013 għall-ħabta tad-21:00 f'dawn il-Gżejjer (in suċċint) kkommetta r-reat t'

1. Użu ħażin minn sistema ta' telekomunikazzjoni bi ksur tal-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Inġurji jew theddid ta' natura kontravvenzjonali ai termini tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-imputat stqarr li kien ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni. Wara li huwa ġie mwissi bil-konsegwenzi li jitnisslu minn dikjarazzjoni tali fis-sens li l-Qorti kienet ser issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet u tgħaddi biex tagħti sentenza kontra tiegħu li setgħet ukoll tkun waħda karċerarja huwa tenna li kien ħati.

## ***DECIDE***

Li għar-raġunijiet premessi wara li rat l-Artikoli 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda ssib lil George Falzon, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u tikkundannah għal multa fl-ammont ta' mitt euro (€100) li tista' titħallas bir-rata ta' ħamsin euro fix-xahar.

***Mogħtija fl-4 ta' Marzu 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***